VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,946, 21 ta' Ottubru, 2022
Taqsima B

A.L. 265 tal-2022

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR (KAP. 368)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20(2) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 368.02.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsiriet li ġejjin għandhom jiġu mħassra:

"l-Awtorità Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar", "Direttiva 70/156/KEE", "Direttiva 70/220/KEE", "Direttiva 80/1268/KEE", "Direttiva 95/46/KE", "Directtiva 2002/42/KE", "Direttiva 2002/58/KE", "Direttiva 2005/55/KE", "Direttiva 2006/12/KE", "Direttiva 2007/46/KE" u "vettura għat-trasport pubbliku";

(b) fit-tifsira "Approvazzjoni ta' Vettura Waħidha" il-kliem "Stat Membru jiċċertifika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Malta tiċċertifika";

(ċ) it-tifsira "ċertifikat ta' konformità" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċertifikat ta' konformità" tfisser dokument maħruġ mill-manifattur li jiċċertifika illi l-vettura ġiet prodotta b'mod konformi mal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura u skont ir-regoli kollha li kienu applikabbli fiż-żmien tal-produzzjoni;";

(d) minnufih wara t-tifsira "ċertifikat ta' reġistrazzjoni", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali tal-UE" tfisser ċertifikat maħruġ minn awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru skont Regolament (UE) 2018/858, li jiċċertifika illi vettura partikolari, kemm jekk unika u kemm jekk le, tissodisfa l-provvedimenti amministrattivi rilevanti u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni ta' vetturi individwali tal-UE;";

(e) minnufih wara t-tifsira "ċikletta bil-mutur" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE" tfisser dokument maħruġ mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat skont id-Direttiva 2006/42/KE;";

(f) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2006/12/KE", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva 2006/42/KE" tfisser Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju, 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE;";

(ġ) it-tifsira "emissjonijiet CO_2" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "emissjonijiet CO_2" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att;";

(ħ) minnufih wara t-tifsira "liċenza", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "makkinarju" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fid-Direttiva 2006/42/KE;";

(i) minnufih wara t-tifsira "reġistru" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "reġistru tal-utenti reġistrati ta' vetturi bil-mutur"

tfisser ir-reġistru miżmum mill-Awtorità tal-persuni u/jew kumpaniji kollha li mhumiex is-sidien ta' vettura bil-mutur iżda jagħmlu użu abitwali minn dik il-vettura u jiġu reġistrati bħala tali skont ir-regolament 7A;";

"Regolament (UE) Nru 167/2013" tfisser Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar, 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għal-agrikoltura u għall-forestrija;

"Regolament (UE) Nru 168/2013" tfisser Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar, 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ roti jew tliet roti u ta' kwadriċikli;

"Regolament (UE) Nru 2018/858" tfisser Regolament (UE) Nru 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju, 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE;" u

(j) minnufih wara t-tifsira "l-Unjoni Ewropea" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "utent reġistrat ta' vettura bil-mutur" tfisser persuna li mhijiex is-sid ta' vettura bil-mutur iżda tagħmel użu abitwali minn dik il-vettura u hija reġistrata bħala tali skont ir-regolament 7A;";

(k) it-tifsira "vettura bil-mutur għall-kiri" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura bil-mutur għall-kiri" tfisser vettura bil-mutur li hija reġistrata u liċenzjata biex tinkera mingħand operatur ta' servizzi ta' kiri ta' vetturi, u bil-għan li tinstaq minn tali kerrej skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi;"; u S.L. 499.68

(l) it-tifsira "vettura fi tmiem żmienha" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura fi tmiem żmienha" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tad-Direttiva 2000/53/KE;".

B 2002

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (a) u (b) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(a) ċertifikat ta' konformità validu skont:

- ir-Regolament (UE) Nru 2018/858 għal vetturi f'kategoriji M, N u O;

- ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 għal ċikletti bil-mutur; u

- ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 għal *tractors* agrikoli:

Iżda vetturi ddisinjati u mibnija jew adattati għall-użu mill-Forzi Armati ta' Malta huma eżentati minn dan ir-rekwiżit:

Iżda wkoll, għall-vetturi li ġejjin, ċertifikat ta' approvazzjoni ta' vetturi individwali tal-UE jiġi aċċettat minflok ċertifikat ta' konformità:

(i) vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu prinċipalment f'siti ta' kostruzzjoni jew f'barrieri, u f'faċilitajiet ta' portijiet jew ajruporti,

(ii) vetturi ddisinjati u mibnija jew adattati għall-użu, mill-protezzjoni ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku,

(iii) kwalunkwe vettura awtopropulsiva ddisinjata u mibnija speċifikament sabiex twettaq xogħol u li, minħabba l-karatteristiċi tal-kostruzzjoni tagħha, mhijiex adattata għall-ġarr tal-passiġġieri jew għat-trasport tal-merkanzija, u li ma tkunx makkinarju mmuntat fuq *chassis* ta' vettura bil-mutur,

(iv) vetturi maħsuba esklussivament għat-tlielaq fit-toroq,

(v) prototipi ta' vetturi li jintużaw fit-triq taħt ir-responsabbiltà ta' manifattur sabiex iwettaq programm ta' test speċifiku, dment li dawn ikunu ġew iddisinjati u mibnija speċifikament għal dak il-għan,

(b) dikjarazzjoni ta' konformità tal-KE valida skont id-Direttiva 2006/42/KE dwar makkinarju li jintuża fit-triq,"; u

(b) il-paragrafi (ċ) u (d) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura, jew ċertifikat tal-esportazzjoni u, fejn adatt, traduzzjoni bl-Ingliż jew bil-Malti tiegħu, maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż minn fejn il-vettura tkun ġiet reġistrata u importata jew tkun inġiebet f'Malta,";

(ii) il-paragrafu (f) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Waħidha fir-rigward ta' vettura M1 jew ċikletta li tkun ġiet importata minn pajjiż terz, sakemm tali vettura M1 jew ċikletta ma jkollhiex ċertifikat ta' konformità validu:

Iżda vettura bil-mutur M1 jew ċikletta bil-mutur użata li tiġi importata f'Malta mir-Renju Unit fl-1 ta' Jannar, 2021 jew wara u li tkun diġà ġiet reġistrata fir-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru, 2020 jew qabel hija eżentata minn dan ir-rekwiżit,"; u

(iii) il-paragrafu (g) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-Tip ta' Vettura Waħidha skont standards stabbiliti mill-Awtorità fir-rigward ta' vetturi N1 *4-wheel-drive* b'massa massima awtorizzata ta' mhux aktar minn 3,000 kilogramm li jkunu ġew importati minn pajjiż terz, sakemm dawn il-vetturi ma jkollhomx ċertifikat ta' konformità validu, u fir-rigward ta' vetturi bil-mutur mibnija mill-ġdid jew vetturi bil-mutur mibnija

minn dilettant:

Iżda vettura N1 użata *4-wheel-drive* b'massa awtorizzata massima sa 3,000 kilogramm li tiġi importata f'Malta mir-Renju Unit fl-1 ta' Jannar, 2021 jew wara u li tkun diġà ġiet reġistrata fir-Renju Unit fil-31 ta' Diċembru, 2020 jew qabel hija eżentata minn dan ir-rekwiżit,";

(b) fil-proviso tas-subregolament (6) tiegħu, il-figura "(€100)." għandha tiġi sostitwita bil-figura "(€100):" u minnufih wara għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda wkoll l-Awtorità jkollha d-dritt li tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata importata jew ta' vettura bil-mutur użata li nġiebet f'Malta, fil-każ li l-istorja rreġistrata ta' tali vettura tkun turi li kienet sofriet ħsara irreparabbli."; u

(ċ) is-subregolament (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) Meta vettura importata wżata jew vettura bil-mutur użata li tkun ġiet imporatata f'Malta ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament, jew meta l-Awtorità jkollha provi biżżejjed li juru illi vettura bil-mutur ma tkunx sigura biex isir użu minnha fit-triq, dik il-vettura bil-mutur m'għandhiex tiġi reġistrata u għandha tiġi esportata mill-ġdid jew imneħħija fiż-zmien u skont dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu determinati mill-Awtorità".

Jemenda r-regolament 6Ċ tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 6Ċ tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) l-ewwel paragrafu u l-ewwel proviso tiegħu għandhom jiġu sostiwiti bil-paragrafu u l-proviso ġodda li ġejjin:

"(1) Vetturi bil-mutur M1 b'livelli ta' emissjonijiet CO_2 ekwivalenti għal mitejn (200) jew ogħla skont l-istandard NEDC jew mitejn u għoxrin (220) jew ogħla skont standard WLTP (u li jkollhom livell ta' emissjonijiet li jkun ekwivalenti għall-istandard Ewropew l-aktar riċenti jew l-istandard Ewropew l-aktar riċenti nieqes wieħed jew l-

istandard Ewropew l-aktar riċenti nieqes tnejn) u ċikletti bil-mutur b'qawwa tal-magna li tkun ugwali għal tmien mija u wieħed (801cc) jew aktar li jkunu se jiġu reġistrati għall-ewwel darba mal-Awtorità jistgħu jiġu reġistrati biex jintużaw fit-triq f'Malta unikament u esklussivament nhar ta' Ġimgħa mis-18:00 'l quddiem, is-Sibt, fil-Ħdud, fil-festi nazzjonali u fi btajjel pubbliċi oħra:

Iżda tali vetturi ma jistgħux jinżammu pparkjati fit-triq bejn it-Tnejn u l-Ħamis (iż-żewġ ġranet inklużi) u nhar il-Ġimgħa qabel is-18:00:"; u

(ii) fit-tieni *proviso* tiegħu, minnufih wara l-kliem "mis-sid" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew utent reġistrat", u l-kliem "mitt Ewro (€100)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħamsin Ewro (€50)";

(b) minnufih wara sub-regolament (3) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Meta s-sid jew l-utent reġistrat ta' vettura li tissodisfa l-kriterji u l-istandards stipulati f'subregolament (1) u li tkun diġà ġiet reġistrata għall-użu bla restrizzjonijiet fit-triq f'Malta fil-ġranet kollha tal-ġimgħa jiddeċiedi li jibdel ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura għall-użu fit-triq unikament u esklussivament nhar ta' Ġimgħa mis-18:00 'l quddiem, is-Sibt, fil-Ħdud, fil-festi nazzjonali u fi btajjel pubbliċi oħra, huwa jkun intitolat li jirċievi mingħand l-Awtorità rifużjoni tad-dritt tal-liċenzja.

(5) Ir-rifużjoni msemmija f'subregolament (4) għandha tkun ta' kwart jew iżjed tad-dritt imħallas għal-liċenzja li jkun jikkorrispondi għal kwart sħiħ jew iżjed għas-sena jew perjodu li għalih tkun tħallset il-liċenzja għall-użu bla restrizzjonijiet tal-vettura fil-ġranet kollha tal-ġimgħa.".

Iżid regolament 7A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Reġistru tal-Utenti Reġistrati ta' Vetturi bil-Mutur.

7A. (1) L-Awtorità għandha twaqqaf u żżomm reġistru li għandu jkun magħruf bħala r-Reġistru tal-Utenti Reġistrati ta' Vetturi bil-Mutur.

(2) Is-sid ta' vettura bil-mutur li ma jagħmilx użu regolari minn vettura li tkun reġistrata f'ismu jista', meta tali vettura tkun tintuża abitwalment minn persuna u/jew kumpannija oħra, japplika mal-Awtorità sabiex jirreġistra tali vettura fl-imsemmi reġistru.

(3) Fir-reġistru għandhom jitniżżlu l-għamla, l-mudell u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura bil-mutur, l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru ta' identifikazzjoni tas-sid u/jew kumpannija, u l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru ta' reġistrazzjoni tal-persuna u/jew kumpannija illi tagħmel użu abitwali minn tali vettura.

(4) L-applikazzjoni għandha ssir permezz tal-formola u skont il-proċeduri li jiġu stabbiliti mill-Awtorità minn żmien għal żmien u għandhom jiffirmaw kemm is-sid kif ukoll l-utent reġistrat tal-vettura bil-mutur.

(5) Meta ssir ir-reġistrazzjoni tal-vettura fir-reġistru, l-Awtorità għandha tipprovdi lill-utent reġistrat dikjarazzjoni li tikkonferma illi huwa l-utent reġistrat ta' tali vettura u li huwa ġie debitament reġistrat fir-reġistru bħala l-utent reġistrat tagħha.

(6) Għaż-żmien li huwa jkun hekk irreġistrat fir-reġistru, l-utent reġistrat tal-vettura bil-mutur għandu, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, jerfa' dawk id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet relattivi għal tali vettura bil-mutur illi qabel kienu jgħajtu lis-sid tal-vettura.

(7) Ir-reġistrazzjoni ta' persuna u/jew kumpanija bħala utent reġistrat ta' vettura bil-mutur fir-reġistru għandha tiġi kkanċellata meta ssir applikazzjoni għal dak il-għan fuq formola ffirmata kemm mis-sid kif ukoll mill-utent reġistrat skont dawk il-proċeduri li jistgħu jiġu stabbiliti mill-Awtorità minn żmien għal żmien.

(8) Barra minn hekk, ir-reġistrazzjoni ta' persuna u/jew kumpannija bħala utent reġistrat ta' vettura bil-mutur għandha tiġi awtomatikament kanċellata fi kwalunkwe mill-każijiet li ġejjin:

(i) jekk il-vettura bil-mutur tiġi trasferita mis-sid lill-utent reġistrat jew lil terza persuna;

(ii) jekk il-vettura bil-mutur tiġi garaxxjata jew kanċellata mir-reġistru.

(9) Meta t-talba għat-tneħħija ta' isem ta' persuna u/jew kumpanija reġistrata mir-reġistru ta' utenti reġistrati ta' vetturi bil-mutur issir lill-Awtorità jew mis-sid jew mill-utent reġistrat iżda mhux bil-firma taż-żewġ partijiet, l-Awtorità għandha tipproċedi biex tneħħi isem l-utent reġistrat mir-reġistru fir-rigward ta' dik il-vettura bil-mutur meta t-talba ssir permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata li tikkonferma illi l-utent reġistrat m'għadux jagħmel użu abitwali minn dik il-vettura bil-mutur. Tali talba għandha ssir fuq il-formola u bi ħlas li jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità minn żmien għal żmien u t-tneħħija ta' isem l-utent reġistrat mir-reġistru għandha tiġi komunikata mill-Awtorità lill-parti l-oħra konċernata permezz tal-posta reġistrata.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "jispezzjona." għandha tiġu sostitwita bil-kelma "jispezzjona:" u minnufih wara għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda fir-rigward ta' vettura bil-mutur li tkun reġistrata fir-reġistru stabbilit skont ir-regolament 7A, l-utent reġistrat huwa obbligat li, minbarra ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, iġorr miegħu wkoll id-dikjarazzjoni maħruġa mill-Awtorità skont is-subregolament (5) tar-regolament 7A, liema dikjarazzjoni għandha tintwera kull meta tiġi mitluba minn uffiċjal awtorizzat biex jispezzjona.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "tal-vettura." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "tal-vettura:" u minnufih wara għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda meta s-sid ta' vettura bil-mutur jagħti lura ċ-certifikat tar-reġistrazzjoni lill-Awtorità, f'każ illi tali vettura tkun reġistrata fir-reġistru stabbilit skont ir-regolament 7A, l-Awtorità għandha tikkanċella tali vettura minn fuq l-imsemmi reġistru.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "reġistrazzjoni." għandha tiġi sostitwita bil-kelma "reġistrazzjoni:" u minnufih wara għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda meta vettura bil-mutur tkun reġistrata fir-reġistru stabbilit skont ir-regolament 7A, f'każ illi jkun hemm tibdil fl-isem u kunjom jew fl-indirizz residenzjali tal-utent reġistrat, is-sid huwa obbligat li jinforma minnufih lill-Awtorità u jippreżenta dikjarazzjoni tal-utent reġistrat sabiex issir l-emenda meħtieġa fir-reġistru.".

B 2008

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fis-subregolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) id-dettalji tas-sid reġistrat tal-vettura u, fejn tali vettura bil-mutur tkun reġistrata fir-reġistru stabbilit skont ir-regolament 7A, id-dettalji tal-utent reġistrat tal-vettura.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fis-subregolament (4) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "f'ismu" għandu jiżdied il-kliem "jew mill-utent reġistrat".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

12. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kelma "sid", kull fejn tokkorri, għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-utent reġistrat";

(b) fis-sub-regolament (3) tiegħu, minnufih wara l-kelma "sid" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-utent reġistrat";

(ċ) fil-*proviso* tas-subregolament (3) tiegħu, minnufih wara l-kelma "sid", kull fejn tokkorri, għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-utent reġistrat"; u

(d) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kelma "Ingombru." għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Ingombru:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-*proviso* ġdid li ġej:

"Iżda f'każ li vettura bil-mutur tkun reġistrata fir-reġistru stabbilit skont ir-regolament 7A, huwa l-utent reġistrat u mhux is-sid li jkun responsabbli għall-ħlas tal-multa amministrattiva.".

Iżid regolament 16A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

13. Minnufih wara r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Dritt amministrattiv għal vetturi *vintage*.

16A. (1) Vettura klassifikata bħala vettura *vintage* mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* hija eżentata mill-ħlas tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni u minflok għandu japplika d-dritt amministrattiv stabbilit fir-Raba' Skeda tal-Att.

(2) F'każ li mat-tiġdid tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħha wara li tkun għamlet test sabiex jiġi ċertifikat li l-vettura hija tajba għat-triq jirriżulta illi vettura *vintage* tkun għamlet tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fuq l-odometru tagħha f'sena waħda minn meta tkun ġiet imġedda l-aħħar il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħha, jew medja ta' tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fis-sena fir-rigward ta' dawk il-vetturi li jsirilhom it-test biex jiġu ċertifikati tajba għat-triq darba kull sentejn, b'żieda mad-dritt amministrattiv stabbilit fir-Raba' Skeda tal-Att, is-sid ta' tali vettura għandu jkun obbligat ukoll li jħallas id-dritt tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni kif stabbilit fir-Raba' Skeda tal-Att għal dik is-sena jew snin li matulhom dik l-vettura tkun irreġistrat tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fuq l-odometru tagħha f'sena waħda jew medja ta' tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fis-sena fir-rigward ta' dawk il-vetturi li jsirilhom it-test biex jiġu ċertifikati tajba għat-triq darba kull sentejn:

Iżda minkejja dan, tali vettura ma għandhiex titlef l-istatus tagħha bħala vettura *vintage* u għandha tibqa' soġġetta biss għall-ħlas tad-dritt amministrattiv stabbilit fir-Raba' Skeda tal-Att sakemm, mat-tiġdid tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni, ma jirriżultax illi s-sid tagħha għandu jkun obbligat ukoll li jħallas id-dritt tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni kif stabbilit fir-Raba' Skeda tal-Att b'riżultat tal-fatt li tali vettura *vintage* tkun għamlet tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed f'sena waħda jew medja ta' tlett elef kilometru (3,000 km) jew iżjed fis-sena fil-każ ta' vettura li jsirilha t-test biex tiġi ċertifikata tajba għat-triq darba kull sentejn.

(3) Il-proprjetarju ta' vettura *vintage* li jkun irid isuq tali vettura barra minn Malta jista' japplika mal-Awtorità sabiex il-kilometraġġ li jiġi reġistrat fuq l-odometru ta' tali vettura waqt li din tkun qed tinstaq barra minn Malta ma jitqiesx fil-kalkulazzjoni tal-kilometraġġ ta' tali vettura għall-finijiet ta' subregolament (2).

(4) Tali applikazzjoni għandha ssir, mingħajr ħlas, fuq il-formola li tista' tiġi preskritta mill-Awtorità minn żmien għal żmien flimkien ma' evidenza fotografika li turi l-kilometraġġ fuq l-odometru ta' tali vettura f'data li ma tkunx iżjed kmieni minn għaxart ijiem mid-data tat-tluq kif ukoll evidenza dokumentarja li turi li tali vettura se tinħareġ barra minn Malta. Tali dokument għandu juri d-data tat-tluq, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u d-dettalji tas-sid reġistrat, u l-applikant ikun obbligat li jipprovdi lill-Awtorità evidenza fotografika tal-kilometraġġ tal-odometru ta' tali vettura meta din tirritorna lura Malta:

Iżda l-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* stabbilit taħt l-Att ikollu d-dritt li jagħmel spezzjoni fiżika ta' vettura li fir-rigward tagħha tkun saret applikazzjoni skont is-subregolament (4), kemm qabel it-tluq tagħha minn Malta u kif ukoll wara r-ritorn tagħha lejn Malta biex jivverifika u jikkonferma l-veraċità tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-applikant fir-rigward tal-kilometraġġ muri fl-odometru tal-vettura.

(5) Ċikletti bil-mutur li jkunu ġew klassifikati bħala vintage mill-kumitat għall-klassifikazzjoni ta' vetturi *vintage* għandhom, minkejja kwalunkwe ammont ta' mili li jkunu għamlu, jibqgħu eżentati mill-ħlas tad-dritt tal-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni u għandhom jibqgħu soġġetti li jħallsu biss id-dritt amministrattiv stabbilit fir-Raba' Skeda tal-Att.".

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

14. Fir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "Is-sid," għandhom jiżdiedu l-kliem "l-utent reġistrat,".

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

15. Fir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kelma "Is-sid" għandhom jiżdiedu l-kliem "u, jew l-utent reġistrat,".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

16. Ir-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minnufih wara l-kelma "sid" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-utent reġistrat";

(b) fil-*proviso* tas-subregolament (3) tiegħu, minnufih wara l-kelma "sid" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-utent reġistrat"; u

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, minnufih wara l-kelma

"sid" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew l-utent reġistrat".

17. Minnufih wara s-subregolament (6) tar-Regolament 27 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin: Jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali.

"(7) Il-bejgħ jew trasferiment ta' vettura għat-trasport tal-passiġġieri m'għandux jitqies bħala trasferiment tal-liċenzja ta' operatur maħruga taħt ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri jew ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi. L.S. 499.56. L.S. 499.68.

(8) Vettura bil-mutur ma tistax tinbiegħ jew tiġi trasferita mill-utent reġistrat iżda biss mis-sid tal-vettura.".

18. Fil-proviso tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (4) tar-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "paragrafu." għandha tiġu sostitwita bil-kelma "paragrafu:" u minnufih wara għandu jiżdied il-*proviso* ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali.

"Iżda wkoll kull trasferiment minn kumpannija lil persuna fiżika li tkun direttur jew azzjonista maġġoritarja ta' dik il-kumpannija, jew viċi-versa, għandu jkun eżentat mill-ħlas tas-somma ta' erba' mija u sitta u sittin euro (€466) imsemmija f'dan il-paragrafu.".

19. Fir-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "sew." għandha tiġu sostitwita bil-kelma "sew:" u minnufih wara għandu jiżdied dan il-*proviso* ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

"Iżda s-sidien ta' tali vetturi li m'għandhomx post fil-parti ta' quddiem tal-vettura fejn tista' teħel il-pjanċa ta' reġistrazzjoni jkollhom dritt li japplikaw mal-Awtorità sabiex jingħataw pjanċa ta' reġsitrazzjoni jew sticker alternattiva. Il-ħlas għal tali pjanċa jew sticker għandu jkun skont l-Ewwel Skeda.".

20. Fir-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara s-subregolament (10) għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin: Jemenda r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali.

"(11) L-Awtorità tista' tirtira l-pjanċi '*Trial Run*' maħruġa lil negozjant awtorizzat meta n-negozjant iwettaq ksur ta' xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament.

(12) Meta l-Awtorità tirtira l-pjanċi '*Trial Run*', in-negozjant awtorizzat huwa obbligat li jirritornahom lill-Awtorità sa mhux iżjed tard minn jumejn ta' xogħol mid-data tan-notifika

tal-avviż tal-irtirar tal-pjanċi '*Trial Run*'.

(13) Negozjant awtorizzat li jwettaq ksur tas-subregolament (12) għandu jkun ħati ta' reat.

(14) Negozjant awtorizzat li l-pjanċi '*Trial Run*' lilu maħruġa jkunu ġew irtirati mill-Awtorità ma jkunx jista' japplika għall-ħruġ mill-ġdid ta' pjanċi '*Trial Run*' qabel jgħaddu sitt xhur mid-data li fiha jkunu ġew irtirati tali pjanċi.".

Jemenda r-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali.

21. Is-subregolament (1) tar-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel *proviso* tiegħu, id-data "30 ta' Ġunju, 2019" għandha tiġi sostitwita bid-data "30 ta' Settembru, 2022";

(b) fit-tieni *proviso* tiegħu, id-data "1 ta' Ottubru, 2020" għandha tiġi sostitwita bid-data "1 ta' Ottubru, 2022"; u

(ċ) fit-tielet *proviso* tiegħu, id-data "16 ta' Ottubru, 2020" għandha tiġi sostitwita bid-data "16 ta' Ottubru, 2022".

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

22. Is-subregolament (7) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kelma "liċenza" għandha tiżdied il-kelma "valida"; u

(b) fil-paragrafu (j) tiegħu, il-figura "€60." għandha tiġi sostitwita fil-figura "€60" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(k) nuqqas ta' negozjant awtorizzat li jirritorna lill-Awtorità pjanċi *'Trial Run'* li jkunu ġew irtirati €235

(l) sewqan ta' vettura bil-mutur mingħajr ma x-xufier iġorr miegħu d-dokumentazzjoni ta' utent reġistrat, fejn applikabbli ..... €25 to €60.".